MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 166/1996/1

Citazzjoni nru.166/96

Noel Curmi

vs

Charlie Galea u b'digriet tas-26 ta' April 2000 giet kjamata fil-kawza "mira Motors Limited"

Il-Qorti,

Rat c-citazzjoni ta' l-attur fejn ippremetta:

"illi l-attur kien ftiehem mal-konvenut illi bi tpartit huwa jghaddi l-karozza Toyota Corolla Coupe bin-numru ta' registrazzjoni V-4846 filwaqt li l-attur jakkwista minghand il-konvenut Isuzu Twin Cab gdid versu l-prezz ta' sitt elef u erba' mitt lira Maltin (Lm6,400) li minnhom l-attur gia

hallas lill-konvenut is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala depositu;

Illi dan il-ftehim huwa datat 22 ta’ Marzu 1996 izda sal-lum il-konvenut baqa’ jirrifjuta li jesegwixxi dan il-ftehim minkejja li gie interpellat mill-attur ghal dan il-fini;

TALAB ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jesgwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu skond il-ftehim tat-22 ta’ Marzu 1996 billi jikkonsenja lill-attur it-truck Isuzu Twin Cab gdid filwaqt li jirtira minghand l-attur it-Toyota Corolla Coupe V-4846;

2. taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrila xierqa u opportuni nkluz il-hlas ta’ penali ghal kull gurnata ta’ nuqqas;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta’ Gunju 1996 kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitatament guramentata, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. illi l-gudizzju m’huwiex integru u dana peress li kellha titharrek ukoll martu, Rosemarie Galea;

2. illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, il-konvenut ma setax jesegwixxi l-kunsenja tal-vettura Isuzu Twin Cab u dana peress illi r-rapprezentant tal-kumpanija Mira Motors Ltd irrifjuta li jikkonsenja lill-konvenut l-istess truck hawn fuq imsemmi peress illi l-kumpanija diga’ kellha agent iehor jirrapresentaha f’Ghawdex;

3. Salv eccezzjonijiet fid-dritt u fil-fatt;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 3 ta' April 2000 (folio 63) fejn giet milqugha t-talba tal-konvenut ghal kjamata in kawza tas-socjeta Mira Motors Ltd;

Ikkonstatat li l-imsemmija socjeta' debitament notifikata baqghet kontumaci;

Ikkunsidrat:

Il-provi in atti, li l-bazi taghhom hija l-iskrittura tat-22 ta' Marzu 1996 (folio 4), juru li l-kontendenti kienu ftehmu fuq forma ta' tpartit permezz ta' liema l-attur kellu jiehu minghand il-konvenut vettura tat-tip 'Isuzu Twin Cab' u in kontrakambju jikkonsenja lill-konvenut vettura tat-tip 'Toyota Corolla Coupe'. Abbazi tal-ftehim fuq citat u l-provi, l-prezz miftiehem ghal 'Isuzu Twin Cab' kien ta' sitt elef u erba' mitt lira Maltin (Lm6,400) suggett ghar-revisjoni dipendenti mill-prezz taghha pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. L-iskrittura tghid li dan il-prezz "kellu jitnaqqas mill-ammont shih ta' l-Isuzu kif [jkun] il-prezz [fuq il-] Gazzetta tal-Gvern ta' dik il-gimgha". Ghalkemm it-termini tal-ftehim mhux cari, l-Qorti tifhem, li mill-provi in atti, l-konvenut intrabat li jbiegh lill-attur l-Isuzu ghall-prezz ta' sitt elef u erba' mitt lra Maltin (Lm6,400) (revisibbli kif inghad) u bhala parti mill-prezz kellu jiehu minghand missier l-attur it-Toyota Isuzu. Kuntrarjament ma jaghmel ebda sens l-pagament ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) imhalsa mill-attur in linja ta' depositu. Bhala fatt pero' jirrizulta li n-negozju ma sehhx stante li l-konvenut ma rnexxilux jakkwista l-Isuzu kif kien ipprospetta. Il-kontendenti ghalhekk baqghu *status qoud ante* bid-differenza li l-konvenut zamm l-hames mitt lira Maltin (Lm500) imhalsa bhala depositu.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tac-citazzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob l-adempiment da parti tal-konvenut tal-obbligu minnu

assunt li jikkonsenja l-Isuzu lill-attur u jirtira t-Toyota minghand l-attur. Il-konvenut oppona l-massima *nemo ad impossibilia tenetur* ghaliex skond hu ma setax jesegwixxi l-kunsenja tal-Isuzu peress illi s-socjeta' kjamata in kawza, il-'Mira Motors Limited' irrifjutat li tikkonsenja l-istess vettura lill-konvenut. Il-fatti rigward dan il-punt, anke kif jirrizultaw mix-xhieda prodotta minnu stess, turi li s-socjeta li kellha u ghandha l-agent taghha f'Ghawdex ma kinitx disposta li taggira lill-agent taghha u tissuplixxi vetturi lill-konvenut jekk mhux fuq ismu. Fuq dan il-konvenut fix-xhieda tieghu (folio 20) jghid li s-socjeta kienet ipproponitlu li l-vettura (ossija l-Isuzu) tohrog fuq ismu pero' hu kien irrifjuta peress li ried li tohrog fuq isem il-klijent, l-attur. Isostni li ghaldaqstant, u minhabba li s-socjeta' ma accettatx, hu ma kienx aktar f'posizzjoni li "jaqdi lill-attur".

L-artikolu 1054 tal-Kodici Civili jafferma l-principju li l-esekuzzjoni ta' haga impossibbli, ma tiswiex u taghmel ma jiswiex il-ftehim li jkun jiddependi minnha; l-artikolu 1056 tac-citat Kodici jipprovdi li l-obbligazzjoni ma tiswiex meta tkun ikkuntrattata taht kundizzjoni li taghmilha tiddependi biss mir-rieda ta' dak illi jobbliga ruhu, u fis-subartikolu (2) ikompli jipprovdi li "izda jekk l-obbligazzjoni tkun tiddependi minn fatt illi jkun fis-setgha tad-debitur li jaghmel li dak il-fatt jigri, id-debitur huwa obbligat jekk il-fatt jigri"

Ikkunsidrat:

Illi l-artikoli tal-ligi fuq citati jirreferu ghall-obligazzjoni taht kondizzjoni potestativa li hija dik li taghmel obbligazjoni tiddependi minn grajja li wahda jew l-ohra mill-partijiet li jikkuntrattaw tkun tista' ggieghel jew ma thallix li tigri (Art.1053). Issa huwa pacifiku li kondizzjoni potestativa hija nulla meta l-kundizzjoni tiddependi unikament mill-volonta' tad-debitur. Izda mhux hekk meta l-kundizzjoni tkun 'promiscua' jigifieri meta l-obligazzjoni ma tkunx tiddependi direttament mill-volonta biss tad-debitur imma minn fatt iehor kwalunkwe, nonostanti li jkun volontarju ta' l-istess debitur (Vol.XXIX.iii. 339). Dan hu proprju il-kaz in ezami fejn l-obbligazzjoni kienet dipendenti mill-volonta

tal-konvenut li kellu s-setgha li jaghmilha indipendentement mill-agir tal-kjamat in kawza, li jigi precisat, ma kienx parti mill-ftehim li kien fil-konfront tieghu *res inter alios acta.* Ghalhekk l-ewwel talba tal-attur ghandha tigi akkolta kontra l-konvenut u konsegwentement qeghdha tigi michuda it-tieni eccezzjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Li l-attur fit-tieni talba tieghu talab, in kaz ta' inadempjenza tal-konvenut, li inghataw dawk il-provvedimenti kollha inkluz il-hlas ta' penali ghal kull gurnata ta' nuqqas.

Illi fil-fehma tal-Qorti din it-talba hija insostenibbli. L-attur ghandu dejjem riservat ghalih l-azzjoni ghad-danni. Jinghad li l-ftehim la jinkludi zmien u wisq anqas penali.
Jonqos allura li l-Qorti titratta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut rigwardanti n-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju "peress li kellha titharrek ukoll martu, Rosemarie Galea". Ukoll hawnhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta stante li mill-provi in atti ma jirrizultax f'kull kaz, billi lanqas saret il-prova li l-attur hu mizzewweg, li n-negozju in meritu kien jaqa' bhala att ta' amministrazzjoni straodinarja billi ma rrizultax li l-prezz ma kienx ser jithallas mal-konsenja anki jekk il-ftehim ipprospetta l-fakolta ta' pagamenti akkont. Jigi rilevat f'dan il-kuntest li l-ftehim xejn ma jghid dwar jekk kienx hemm dovut xi bilanc dejjem jekk dan kien effettivament dovut.

Ghaldaqstant tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-ewwel talba tal-attur fil-waqt li tichad it-tieni u tichad konsegwentement l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.

Spejjez jithalsu kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut li ghandu wkoll ibati l-ispejjes tal-kjamat fil-kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------